MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1021/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**
**VS**
**GORG PEPE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Gorg Pepe ta’ 71 sena, bin Joseph u Salvina nee’ Agius, mwieled Qormi fis- 26 ta’ Ottubru 1940, residenti 9 St. Joseph Flat 9, Misrah il- Madonna Medjatrici, Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 732840M ;

Talli fil- lejl ta’ bejn is- 6 ta’ Settembru 2012 u s- 7 ta’ Settembru 2012 fl- inhawi ta’ Haz- Zabbar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil- vettura bin- nuumru tar- registrazzjoni IBN 275 tal- marka BMW, liema

hsara hija ta’ aktar minn €1164.69 ghad- dannu ta’ Keith Demicoli;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati tal-akkuza migjuba kontrih, u ghalhekk ser tghaddi biex tikkonsidra l-piena idoneja ghal dan il-kaz. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat huwa pensjonant ighix ma’ martu, li ghanda dizabilita’, u minhabba f’hekk huma ghandhom barra d-dar taghhom zona riservata ghall-vettura taghhom. Gara li nhar is-6 ta’ Settembru, 2012, xi hadd ipparkegga l-vettura tieghu fiz-zona riservata ghalihom, bil-konsegwenza li mea gie biex inizzel lil martu mill-karozza tieghu, ma setax, ghalhekk kellu jfittex post iehor fejn jipparkja l-karozza izda baqa’ ma sabx. Telghulu n-nervi, u spicca biex giref il-vettura li kienet ipparkjata fir-“reserved parking” tieghu.

Meta gie mistoqsi mill-Pulizija, hu ammetta mal-ewwel, tant hu hekk li qabad u hallas ghall-ispejjez tat-tiswija qabel ma bdiet din il-kawza. Il-Qorti tifhem bis-shih il-frustrazzjoni ta’ min isib lil xi hadd ipparkjat minn floku, izda din ma tista’ qatt tissarraf f’li wiehed jaqbad u jiehu l-ligi b’idejh u jpattiha b’dak il-mod. Ladarba l-imputat wera

li zbalja billi ammetta mal-Pulizija u gia' ghamel tajjeb ghall-hsara li hu kkaguna, kif ukoll in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, tal-eta' tieghu u tal-fedina penali netta tieghu, din il-Qorti sejra tapplika sanzjoni fil-komunita' minnflok piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 325(a) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------